MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 2/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fl-1 ta' Awissu 1997 gie ccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti gewwa l-parrocca tal-Marsa u dan kif muri fic-certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A;

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal, illum dawn huma maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separati de facto minn April 2009;

Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, swat, u ingurji gravi kommessi mill-intimat u li minhabba fihom iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

Illi l-intimat ghandu problemi tal-loghob u espona lill-membri tal-familja kollha ghal djun kbar u li kellhom jithallsu unikament mill-attrici peress illi l-intimat ghazel li jieqaf jahdem u ma jhallas ebda dejn minnu maghmul;

Illi hija giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali skond digriet numru 455/09 huwa anness u mmarkat bhala Dok. B.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet serji imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat konvenut;

Tiffissa retta alimentarja ghar-rikorrenti u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta alimentarja stabbilita, flimkien ma zidiet perjodici ghall-gholi tal-hajja u ordni sabiex ir-retta tithallas direttament minn kull paga jew dhul percepibbli mill-konvenut;

Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

Tiddikjara xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti minn l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn dina l-Qorti liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattivi u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna li l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat C B ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob il-firda personali minn ma' zewgha minhabba tortijiet imputabbli lilu. Il-koppja zzewgu fl-1997. L-attrici kienet armla u kellha iben. Miz-zwieg mal-konvenut twieldu zewgt itfal ohra. L-ulied illum huma kollha maggorenni. Il-hajja kojugali bejn il-partijiet kienet storja kontinwa ta' loghob u djun u l-problemi kollha li jgibu maghhom. Ghalkemm l-attrici ppruvat hafna, zewgha qatt ma wera rieda li jvinci l-vizzju tal-loghob. Kienet imbaghad martu li titghabba bil-piz tad-djun konsegwenti. Sahansitra, binha mill-ewwel zwieg spicca ghamel tajjeb bil-proprjeta' tieghu bil-ghan li l-familja ma tispiccax bla saqaf fuq rasha. L-attrici, dan kollu rnexxielha tippruvah bil-provi prodotti, senjatament ix-xhieda ta' uliedha li ghexu hajjithom kollha fid-dell tal-problemi kawzati mill-konvenut.

<u>Htija tas-separazzjoni</u>

Kif intqal aktar ‘il fuq, il-Qorti ma ghandha ebda esitazzjoni tiddikjara li l-htija tal-firda ta’ din il-koppja hija kollha u unikament ta’ C B.

Manteniment

Ghalkemm ma ngabu lill-Qorti ebda provi dwar xi qliegh jista’ qed jippercepixxi l-konvenut, il-Qorti hija konvinta illi, ukoll jekk mhux qieghed jahdem, dan qieghed zgur jippercepixxi xi forma ta’ ghajnuna socjali u ghandu ghalhekk jghaddi lil martu s-somma ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat. Il-Qorti tqis li fl-eta’ ta’ sebgha u erbghin sena m’hijiex eta’ daqshekk avvanzata li tipprekludiha milli tipprova ssib xi tip ta’ xoghol biex tissuplimenta dan il-manteniment. L-ammont ghandu jinqata’ direttament mid-dhul ta’ C B.

Komunjoni tal-Akkwisti

Il-komunjoni tal-akkwisti, f’dan iz-zwieg, tikkonsisti f’dejn mal-Bank HSBC u dejn iehor ma’ D E. Peress illi dawn id-djun saru kollha minhabba l-vizzju tal-loghob tal-konvenut, ghandu jkun hu li jassumihom. Ghandu ukoll ikun hu li jassumi ukoll kull dejn iehor li seta’ dahal fih waqt iz-zwieg. Ghandu jkun hu ukoll li jhallas kull kont iehor pendenti sad-data ta’ din is-sentenza. Ghar-rigward tal-polza tal-assikurazzjoni ezistenti, din ghandha, meta timmatura, tibbenefika unikament lill-mara u dana in vista tal-ammonti ta’ flus minnha mhallsa tul is-snin biex tkopri d-djun ta’ zewgha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba u tiddikjara l-firda personali bejn A B u C B u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel. Il-Qorti tordna li C B jghaddi lil martu s-somma ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat, li ghandha tinqata’ mid-dhul ta’ C B. Il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Id-djun ghandhom jigu kollha assunti minn C B kif spjegat fil-paragrafu intitolat “Komunjoni tal-Akkwisti”. Il-beneficjarju tal-polza tal-assikurazzjoni ghandha tkun il-mara. Il-Qorti

tordna ukoll l-applikazzjoni tal-Art. 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------